Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6394/18

FIN 144

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tal-Baġit |
| Suġġett: | Stima tan-nefqa u d-dħul għas-sena finanzjarja 2019 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsima II tal-Baġit tal-UE) - Memorandum ta' spjegazzjoni |

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-proċedura baġitarja għas-sena finanzjarja 2019 ser titwettaq f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[1].

F'dan il-kuntest, fl-20 ta' Frar 2018 il-Kunsill ECOFIN adotta konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2019 (dokument tal-Kunsill 5939/18) fejn ħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha jnaqqsu jew jiffriżaw kemm jista' jkun in-nefqa amministrattiva tagħhom u biex jitolbu finanzjament għal ħtiġijiet iġġustifikati biss. Il-Kunsill jikkunsidra li l-livell tal-persunal tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha jeħtieġ li jinżamm taħt monitoraġġ u kontroll kontinwi. Barra minn hekk, il-Kunsill ECOFIN enfasizza li għandhom jitħallew marġini biżżejjed taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE għall-2014-2020 sabiex ikunu jistgħu jiġu ttrattati avvenimenti mhux mistennija.

[1] Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

2. Il-qafas interistituzzjonali ġenerali għall-elaborazzjoni tal-proposti għall-abbozz ta' baġit (AB) għall-2019 ġie stabbilit fl-ittra tal-Kummissjoni bid-data tal-21 ta' Diċembru 2017, fejn l-istituzzjonijiet kollha huma mistiedna jħejju l-istimi tagħhom abbażi tal-linji gwida li ġejjin[2]:

- jinkludu 2,0 % u 2,3 % għall-aġġustament tas-salarji fl-2018 u l-2019 rispettivament,
- jinkludu r-riżorsi relatati mal-bidu gradwali tat-traduzzjoni tad-dokumenti uffiċjali kollha fl-Irlandiż bl-aktar mod kosteffettiv u jidentifikaw b'mod ċar ir-riżorsi addizzjonali possibbli meħtieġa għall-2019,
- jimmiraw lejn iffriżar nominali fil-livell tal-2018 ta' kull nefqa mhux marbuta mas-salarji,
- iż-żieda fin-nefqa minħabba l-indiċjar ta' kuntratti hija mistennija li tiġi kkumpensata minn iffrankar f'infiq ieħor, u
- jaġġustaw il-baġit skont il-bżonn fejn it-tibdil skattat mill-irtirar tar-Renju Unit mill-UE fit-30 ta' Marzu 2019 ikun ovvju.

Il-Kummissjoni kkomunikat previżjoni ta' inflazzjoni ta' 1,6 % għal Brussell u 1,9 % għal Lussemburgu għall-perijodu bejn Diċembru 2018 u Diċembru 2019.

3. F'konformità ma' dawn il-linji gwida is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) elabora proposta għal stimi ta' AB 2019 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsima II tal-baġit tal-UE).

L-objettiv ġenerali tal-proposta kien li ma jinqabiżx, f'termini nominali, il-livell tal-baġit għall-2018 għal nefqa mhux relatata mas-salarji.

[2] L-ittra tas-Sur Oettinger lill-istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE bid-data tal-21 ta' Diċembru 2017.

Żidiet marbuta ma' obbligi statutorji jew kuntrattwali jew f'oqsma li tqiesu bħala essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-SĠK ġew ikkumpensati, kull meta kien possibbli, billi ċerti proġetti ngħataw prijorità u kienu riprogrammati b'kont meħud tal-implimentazzjoni tal-baġit fis-snin reċenti. Madankollu, iż-żidiet li ġejjin ma setgħux jiġu assorbiti:

– żieda ta' EUR 3,3 miljun fl-ispejjeż marbuta mas-servizzi tal-interpretazzjoni minħabba kemm iż-żieda fil-prezz kif ukoll fil-volum (l-ammont jinkludi indiċjar ta' pakketti tal-lingwa li jikkorrispondi għal EUR 0,9 miljun);

– żieda ta' EUR 0,6 miljun relatata mat-tagħmir tekniku ġdid għall-kamra permanenti tal-interpretazzjoni remota li ser tippermetti l-estensjoni tar-reġimi lingwistiċi għall-ikliet ministerjali b'rispons għal domanda li qed tikber;

– EUR 0,25 miljun minħabba l-ibbaġitjar tal-ispejjeż għat-taħriġ ipprovdut lis-SĠK mill-Kummissjoni li huwa previst fil-baġit tal-Kummissjoni sa tmiem l-2018 (jiġifieri eżerċizzju newtrali mil-lat baġitarju).

B'riżultat ta' dan, is-SĠK jipproponi stima ta' AB 2019 ta' EUR 586,8 miljun. Il-proposta tikkorrispondi ma' żieda globali ta' EUR 13,9 miljun jew 2,4 % meta mqabbla mal-baġit ivvutat għall-2018.

Il-linji relatati mas-salarji jammontaw għal EUR 347,8 miljun li jirriżulta f'żieda ta' EUR 9,8 miljun jew 2,9 % filwaqt li l-linji mhux relatati mas-salarji jammontaw għal total ta' EUR 239,0 miljun b'żieda ta' EUR 4,1 miljun jew 1,8 % meta mqabbel mal-2018.

4. It-tabella 1 tippreżenta l-proposta tal-baġit għall-2019 skont il-kategorija. Kummenti aktar dettaljati dwar l-iżvilupp ta' kull kategorija jinsabu fil-paragrafu II hawn taħt.

**Tabella 1: Proposta għal abbozz ta' baġit tal-KE/K għall-2019 (skont il-kategorija, EUR)**

| Kapitolu / artikolu/ partita | Kategorija ta' nefqa | Baġit 2018 | AB 2019 | Differenza | Bidla 2019/2018 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3=2-1 | 4=3/1 |
| 10 | Membru tal-Istituzzjoni (President) | 1.346.000 | 1.431.000 | 85.000 | 6,3% |
| 11 | Persunal statutorju (Tabella tal-persunal) | 328.800.000 | 337.715.000 | 8.915.000 | 2,7% |
| 12 | Persunal ieħor u servizzi esterni | 13.040.000 | 13.806.000 | 766.000 | 5,9% |
| 13 | Nefqa oħra relatata mal-persunal | 9.973.000 | 10.144.000 | 171.000 | 1,7% |
| **TITOLU 1** | **Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni** | **353.159.000** | **363.096.000** | **9.937.000** | **2,8%** |
| 200, 201 | Bini | 56.360.377 | 55.919.000 | -441.377 | -0,8% |
| 210 | Sistemi tal-kompjuter | 41.300.000 | 41.355.000 | 55.000 | 0,1% |
| 211 | Għamara | 733.000 | 951.000 | 218.000 | 29,7% |
| 212 | Tagħmir tekniku | 4.344.000 | 5.745.000 | 1.401.000 | 32,3% |
| 213 | Trasport | 1.496.000 | 1.134.000 | -362.000 | -24,2% |
| 2200 | Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet | 17.802.000 | 17.372.000 | -430.000 | -2,4% |
| 2202 | Spejjeż ta' interpretazzjoni | 79.316.000 | 82.600.000 | 3.284.000 | 4,1% |
| 2201, 2203, 2204, 2205 | Laqgħat u konferenzi | 4.945.000 | 5.237.000 | 292.000 | 5,9% |
| 2210, 2212, 2213 | Informazzjoni | 8.375.000 | 8.425.000 | 50.000 | 0,6% |
| 2211 | Ġurnal Uffiċjali | 1.777.000 | 1.700.000 | -77.000 | -4,3% |
| 223 | Mixxellanju | 1.787.000 | 1.767.000 | -20.000 | -1,1% |
| **TITOLU 2** | **Bini, tagħmir u nefqa operattiva** | **218.235.377** | **222.205.000** | **3.969.623** | **1,8%** |
| **TITOLU 10** | **Riżerva** | **1.500.000** | **1.500.000** | **0** | **0,0%** |
| **BAĠIT TOTALI** | | **572.894.377** | **586.801.000** | **13.906.623** | **2,4%** |
| | **Nefqa marbuta mas-salarji** | **338.052.000** | **347.825.000** | **9.773.000** | **2,9%** |
| | **Nefqa mhux relatata mas-salarji** | **234.842.377** | **238.976.000** | **4.133.623** | **1,8%** |
| **BAĠIT TOTALI** | | **572.894.377** | **586.801.000** | **13.906.623** | **2,4%** |

5. Aktar informazzjoni dettaljata tingħata fl-annessi:

Anness I: Stima tad-Dħul u n-Nefqa għas-sena finanzjarja 2019

Anness II: Tabella tal-persunal 2019

Anness III: Evoluzzjoni tal-għadd ta' 'persunal estern' u n-nefqa fuqu

## II. KUMMENTI SKONT IL-KATEGORIJA TAN-NEFQA

1. Membri tal-Istituzzjoni, il-President (Kapitolu 10)

L-approprjazzjonijiet relatati mal-funzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew ġew aġġustati biex jitqiesu bidliet żgħar fl-intitolamenti u r-rimunerazzjoni.

Iż-żieda ta' 6,3 % (EUR 0,1 miljun) hija dovuta għall-integrazzjoni tal-intitolamenti relatati mad-dħul fis-servizz tal-President il-ġdid tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2019.

2. Uffiċjali u persunal temporanju (Kapitolu 11)

Il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-intestaturi tal-baġit relatati mat-tabella tal-persunal huwa determinat prinċipalment mill-bidliet li ġejjin:

a) Tibdil tat-tabella tal-persunal

F'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni s-SĠK inkluda 3 karigi AD5 u kariga ta' AST1 għar-reġim il-ġdid tat-traduzzjoni Irlandiża.

Bħala parti mill-Ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-Kummissjoni dwar SYSPER, il-Kunsill ser jittrasferixxi kariga ta' AD5 u kariga ta' AST1 lill-Kummissjoni.

F'konformità mal-modernizzazzjoni amministrattiva kontinwa, is-SĠK bi ħsiebu jittrasforma 30 kariga ta' AST5 fi 30 kariga ta' AD5.

b) Ir-rata ta' okkupanza fit-tabella tal-persunal

Is-SĠK jistma li r-rata ta' okkupanza għall-2019 ser tkun ta' medja ta' 95 % (l-istess bħal fil-baġit għall-2018).

c) Aġġustament tas-salarji

L-aġġustament tas-salarji jirrifletti l-istimi għall-2018 (2 %) u għall-2019 (2,3 % għal sitt xhur). Il-perċentwal finali għall-aġġustamenti tal-2018 u l-2019 ser ikun disponibbli f'Diċembru 2018 u f'Diċembru 2019 rispettivament.

3. Persunal ieħor u servizzi esterni (Kapitolu 12)

Il-bidla totali ta' 5,9 % (EUR 0,8 miljun) f'approprjazzjonijiet fi ħdan dan il-kapitolu tirrifletti prinċipalment:

a) Żieda ta' EUR 0,5 miljun relatata mal-istima tal-aġġustamenti tas-salarji fl-2018 u l-2019, tibdil fl-istruttura tal-karriera tal-aġenti kuntrattwali u ż-żieda tal-ispiża medja FTE osservati mill-2017 'l hawn (+6,1 % fl-2017 u +4,0 % fl-2018) minħabba l-bidla fil-proporzjoni bejn gruppi ta' funzjoni differenti favur CA FG IV;

b) Żieda ta' EUR 0,2 miljun relatata mal-Esperti Nazzjonali Sekondati minħabba l-aġġustament tat-tnaqqis fir-rata fissa (-25 % fil-baġit għall-2018) li kien qed jirrifletti s-sotto-okkupanza li tikkorrispondi għal 6 mill-25 kariga ppjanata. Meta wieħed jikkunsidra li fl-2018 hemm 19-il SNE u l-amministrazzjonijiet nazzjonali juru interess dejjem ikbar f'dan it-tip ta' ssekondar, it-tnaqqis b'rata fissa għall-2019 huwa maqsum fi tnejn (-12,5 %) li jirriżulta f'żieda ta' approprjazzjonijiet li tippermetti r-reklutaġġ ta' 3 SNE addizzjonali.

4. Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni (Kapitolu 13)

Iż-żieda ta' 1,7 % (EUR 0,2 miljun) għandha x'taqsam prinċipalment mal-ibbaġitjar biex jiżdied il-baġit għat-taħriġ b'total ta' EUR 0,4 miljun prinċipalment minħabba l-ibbaġitjar tal-ispejjeż għat-taħriġ ipprovdut lis-SĠK mill-Kummissjoni li huwa previst fil-baġit tal-Kummissjoni sa tmiem l-2018 (jiġifieri eżerċizzju newtrali mil-lat baġitarju). Din iż-żieda hija parzjalment ikkumpensata b'iffrankar fl-oqsma tas-servizz mediku, il-crèche u l-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal.

5. Bini u spejjeż assoċjati (Kapitolu 20)

a) Bini (Artikolu 200)

Il-baġit għall-funzjonament tal-bini huwa miżjud b'0,7 % (EUR 0,1 miljun). Din iż-żieda hija r-riżultat nett ta':

– żieda ta' EUR 0,3 miljun relatata ma' proġetti tal-bini prinċipalment dovuta għax-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni fil-bini Justus Lipsius (fost l-oħrajn ir-ristorant b'ċirkolazzjoni ħielsa u kmamar għal-laqgħat);

– żieda ta' EUR 0,2 miljun relatata ma' studji tal-bini u tas-sigurtà marbuta max-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni fil-bini Justus Lipsius u xogħlijiet marbuta mal-perimetru ta' sigurtà tal-bini tas-SĠK kollu;

– iffrankar fuq il-pagament ta' okkupazzjoni annwali għall-bini tal-konferenzi fil-Lussemburgu (EUR 0,3 miljun);

– iffrankar dovut għat-trasferiment ta' EUR 0,1 miljun ta' spejjeż relatati ma' serraturi elettroniċi mix-xogħlijiet ta' sigurtà (partita 22004) għat-tagħmir tekniku għas-sigurtà (partita 2120) sabiex ikun hemm konformità akbar man-nomenklatura tal-baġit ta' nefqa amministrattiva.

b) Spejjeż relatati ma' bini (Artikolu 201)

Il-baġit kumplessiv għall-ispejjeż operattivi u ta' manutenzjoni tal-bini jitnaqqas b'1,2 % (EUR 0,5 miljun) li jikkorrispondi għal iffrankar ta' EUR 0,4 miljun fuq ilma, gass, elettriku u tisħin u EUR 0,1 miljun fuq tindif u manutenzjoni.

6. Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara (Kapitolu 21)

a) Nefqa fuq l-IT (Artikolu 210)

Il-baġit għall-IT jiżdied b'0,1 % (EUR 0,06 miljun) li jikkorrispondi għaż-żieda fl-ispejjeż tal-għodod tal-IT għas-servizzi tat-traduzzjoni.

b) Għamara (Artikolu 211)

Il-bağit biex tinbidel u tiġi rinnovata l-għamara żdied b'29,7 % (EUR 0,2 miljun) meta mqabbel mal-2018, li jikkorrispondi l-aktar għall-għamara ġdida għar-ristorant b'ċirkolazzjoni ħielsa fil-JL.

c) Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (Artikolu 212)

Iż-żieda ta' 32,3 % (EUR 1,4 miljun) ġejja prinċipalment minn:

- iż-żieda ta' EUR 0,5 miljun relatata max-xiri ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (partita 2120) li tikkorrispondi esklużivament mal-ispiża tal-kamra permanenti tal-interpretazzjoni remota li ser tippermetti li r-reġimi lingwistiċi jiġu estiżi għall-ikliet ministerjali b'rispons għad-domanda li qed tikber (EUR 0,6 miljun); l-ispiża ta' dan il-proġett ġiet parzjalment ikkumpensata b'iffrankar dovut għat-tmiem tar-rinnovazzjoni tat-tagħmir tal-konferenzi fil-kamra tal-laqgħat JL 50 1;
- iż-żieda ta' EUR 0,9 miljun relatata mal-manutenzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (partita 2122). Din iż-żieda hija dovuta, l-ewwel nett, għall-fatt li fi tmiem il-perjodu ta' garanzija (Diċembru 2019), il-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku kollu fil-Bini Europa ser ikollha tiġi assigurata mis-SĠK. It-tieni nett, il-modernizzazzjoni tat-tagħmir awdjoviżiv u tal-konferenzi f'dawn l-aħħar snin wasslet għaż-żieda fil-volum u l-kumplessità tat-tagħmir tekniku fil-pussess tas-SĠK li jenħtieġ issirlu manutenzjoni.

d) Trasport (Artikolu 213)

It-tnaqqis ta' 24,2 % (EUR 0,4 miljun) fin-nefqa għat-trasport huwa spjegat mill-fatt li l-ispiża tal-kiri tal-karozzi għas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li ser isir fl-2019 hija aktar baxxa mill-kiri tal-karozzi għas-Summit Multilaterali UE-ASEM ibbaġitjat fl-2018.

7. Nefqa operattiva (Kapitolu 22)

a) Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet (Partita 2200)

Il-baġit għall-ispejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet jonqos b'2,4 % (EUR 0,43 miljun) li jikkorrispondi għall-pakkett tal-ivvjaġġar għar-Renju Unit għall-2019 li mhux ser jintuża wara l-irtirar fit-30 ta' Marzu 2019. L-ammont ġie kkalkulat *pro rata temporis* (9 xhur) abbażi tal-pakkett li kieku jkun allokat għar-Renju Unit għall-2019 skont id-Deċiżjoni 30/2013 (EUR 0,57 miljun għas-sena kollha).

b) Interpretazzjoni (Partita 2202)

Iż-żieda b'4,1 % (EUR 3,3 miljun) hija spjegata mill-fatturi li ġejjin:

– il-prezz tas-servizzi SCIC żdied b'4,3 % fl-2018 u ż-żieda mħabbar għall-2019 hija ta' 2,7 %);

– iż-żieda fil-volum ta' interpretazzjoni (minħabba l-kapaċità akbar ta' laqgħat offruta mill-bini Europa).

Il-baġit għall-ispejjeż tal-interpretazzjoni tnaqqas b'EUR 4,6 miljun mill-2015 (filwaqt li l-pakketti tal-lingwa żdiedu b'EUR 1,2 miljun, l-approprjazzjonijiet għal interpretazzjoni ġenerali tnaqqsu b'EUR 5,8 miljun). Fl-istess ħin, il-fatturazzjoni tal-SCIC żdiedet b'EUR 19,2 miljun li wasslet għat-tnaqqis tas-sottinfiq, speċjalment fuq l-interpretazzjoni ġenerali.

Fid-dawl tal-elementi ppreżentati hawn fuq, is-SĠK jipproponi li l-pakketti tal-lingwa jiżdiedu b'EUR 0,9 miljun u li l-interpretazzjoni ġenerali tiżdied b'EUR 2,4 miljun.

Il-proposta għall-interpretazzjoni hija maqsuma kif ġej:

– EUR 36,4 miljun għall-interpretazzjoni ġenerali inkluż il-kontinġenzi,

– EUR 46,2 miljun għal pakketti fuq talba (EUR 2.010.287 /pakkett).

c) Laqgħat u konferenzi (Partiti 2201, 2203, 2204, 2205)

Il-baġit għal-laqgħat u l-konferenzi, fost l-oħrajn il-forniment tal-ikel u n-nefqa amministrattiva relatata, żdied b' 5,9 % (EUR 0,3 miljun) meta mqabbel mal-2018. Iż-żieda hija dovuta prinċipalment għan-negozjati mill-ġdid tal-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-forniment tal-ikel.

d) Informazzjoni (Partiti 2210, 2212, 2213)

Iż-żieda ta' 0,6 % (EUR 0,05 miljun) tkopri l-ispiża relatata mal-ħila esperta esterna u l-ħidma ta' riċerka speċjalizzata ħafna meħtieġa għal konsulenza politika mis-SĠK.

e) Ġurnal Uffiċjali (Partita 2211)

It-tnaqqis ta' -4.3 % (EUR 0,08 miljun) jirrifletti l-implimentazzjoni mistennija.

f) Spejjeż oħra (Artikolu 223)

It-tnaqqis ta' 1,1 % (EUR 0,02 miljun) meta mqabbel mal-2018 huwa spjegat mit-tnaqqis tal-ispejjeż relatati mal-istudji ġenerali.

8. Riżerva ta' kontinġenza (Titolu 10)

Minħabba l-inċertezza attwali dwar rekwiżiti ta' sigurtà qiegħed jiġi propost li r-riżerva ta' kontinġenza (Artikolu 101) tinżamm fil-livell attwali ta' EUR 1,5 miljun. Dan l-ammont jista' jkopri wkoll il-konsegwenzi finanzjarji tal-inizjattivi jew l-attivitajiet b'impatt baġitarju sinifikanti (pereżempju attivitajiet addizzjonali tal-Kunsill Ewropew) li jitwettqu matul l-2019.

**ANNESS I**

# Stima tad-Dħul u n-Nefqa għas-sena finanzjarja 2019
## Taqsima II - Kunsill Ewropew u Kunsill

| Partita | Deskrizzjoni | Eżitu 2017 | Baġit 2018 | AB 2019 | % 2018/2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| **TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni** | | | | | |
| 1000 | Salarju Bażiku | 326.810 | 342.000 | 342.000 | 0,0% |
| 1001 | Intitolamenti marbutin mal-kariga okkupata | 67.012 | 70.000 | 73.000 | 4,3% |
| 1002 | Intitolamenti marbutin maċ-ċirkostanzi personali | 8.734 | 10.000 | 10.000 | 0,0% |
| 1003 | Kopertura għas-sigurtà soċjali | 12.364 | 14.000 | 14.000 | 0,0% |
| 1004 | Nefqa oħra għall-ġestjoni | 385.028 | 675.000 | 675.000 | 0,0% |
| 1006 | Intitolamenti marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz | p.m. | p.m. | 155.000 | Mhux Applikabbli |
| 1007 | Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni | p.m. | 50.000 | 50.000 | 0,0% |
| ***100*** | ***Rimunerazzjoni u intitolamenti oħrajn*** | ***799.948*** | ***1.161.000*** | ***1.319.000*** | ***13,6%*** |
| 1010 | Allowance transitorja | p.m. | 185.000 | 112.000 | -39,5% |
| ***101*** | ***Tmiem tas-servizz*** | ***p.m.*** | ***185.000*** | ***112.000*** | ***-39,5%*** |
| 1020 | Approprjazzjoni proviżorja għal tibdil fl-intitolamenti | 72.231 | p.m. | p.m. | Mhux Applikabbli |
| ***102*** | ***Approprjazzjoni proviżorja*** | ***72.231*** | ***p.m.*** | ***p.m.*** | ***Mhux Applikabbli*** |
| **Total Kapitolu 10 - Membri tal-Istituzzjoni** | | **872.179** | **1.346.000** | **1.431.000** | **6,3%** |
| 1100 | Salarji bażiċi | 229.502.819 | 246.398.000 | 251.909.000 | 2,2% |
| 1101 | Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-kariga okkupata | 1.403.505 | 1.920.000 | 1.951.000 | 1,6% |
| 1102 | Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membru tal-persunal | 59.751.217 | 62.300.000 | 65.197.000 | 4,7% |
| 1103 | Kopertura għas-sigurtà soċjali | 9.309.814 | 10.100.000 | 10.284.000 | 1,8% |
| 1104 | Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji | 124.188 | 52.000 | 125.000 | 140,4% |
| 1105 | Sahra | 937.106 | 1.450.000 | 1.300.000 | -10,3% |
| 1106 | Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz | 1.628.873 | 2.400.000 | 2.275.000 | -5,2% |
| 1107 | Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni | p.m. | 3.128.000 | 3.632.000 | 16,1% |
| ***110*** | ***Rimunerazzjoni u intitolamenti oħrajn*** | ***302.657.522*** | ***327.748.000*** | ***336.673.000*** | ***2,7%*** |
| 1110 | Allowances fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz | 171.000 | 362.000 | 362.000 | 0,0% |
| 1112 | Intitolamenti tal-ex Segretarji-Ġenerali | 655.741 | 690.000 | 680.000 | -1,4% |
| ***111*** | ***Tmiem tas-servizz*** | ***826.741*** | ***1.052.000*** | ***1.042.000*** | ***-1,0%*** |
| **Total Kapitolu 11 - Uffiċjali u persunal temporanju** | | **303.484.263** | **328.800.000** | **337.715.000** | **2,7%** |
| 1200 | Persunal ieħor | 9.384.605 | 10.565.000 | 11.080.000 | 4,9% |
| 1201 | Esperti nazzjonali sekondati | 836.051 | 993.000 | 1.182.000 | 19,0% |
| 1202 | Traineeships | 653.643 | 680.000 | 694.000 | 2,1% |
| 1203 | Servizzi esterni | 1.760.284 | 498.000 | 541.000 | 8,6% |
| 1204 | Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni | 263.520 | 200.000 | 200.000 | 0,0% |
| 1207 | Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni | p.m. | 104.000 | 109.000 | 4,8% |
| ***120*** | ***Persunal ieħor u servizzi esterni*** | ***12.898.103*** | ***13.040.000*** | ***13.806.000*** | ***5,9%*** |
| **Total Kapitolu 12 - Persunal ieħor u servizzi esterni** | | **12.898.103** | **13.040.000** | **13.806.000** | **5,9%** |
| 1300 | Nefqa varja għar-reklutaġġ | 70.100 | 192.000 | 156.000 | -18,8% |
| 1301 | Taħriġ addizzjonali | 2.096.320 | 2.028.000 | 2.390.000 | 17,9% |
| ***130*** | ***Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-persunal*** | ***2.166.420*** | ***2.220.000*** | ***2.546.000*** | ***14,7%*** |
| 1310 | Għotjiet għal assistenza speċjali | p.m. | 30.000 | 30.000 | 0,0% |
| 1311 | Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal | 108.579 | 117.000 | 117.000 | 0,0% |
| 1312 | Għajnuna supplimentari għall-persuni b'diżabbiltà | 120.671 | 210.000 | 180.000 | -14,3% |
| 1313 | Nefqa soċjali oħra | 72.251 | 66.000 | 66.000 | 0,0% |
| ***131*** | ***Miżuri biex jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni*** | ***301.501*** | ***423.000*** | ***393.000*** | ***-7,1%*** |
| 1320 | Servizz mediku | 387.373 | 505.000 | 450.000 | -10,9% |
| 1322 | Crèches u faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal | 2.636.848 | 2.895.000 | 2.825.000 | -2,4% |
| ***132*** | ***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni*** | ***3.024.221*** | ***3.400.000*** | ***3.275.000*** | ***-3,7%*** |
| 1331 | Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill | 2.638.632 | 3.130.000 | 3.130.000 | 0,0% |
| 1332 | Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew | 628.363 | 800.000 | 800.000 | 0,0% |
| ***133*** | ***Missjonijiet*** | ***3.266.995*** | ***3.930.000*** | ***3.930.000*** | ***0,0%*** |
| **Total Kapitolu 13 - Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni** | | **8.759.137** | **9.973.000** | **10.144.000** | **1,7%** |
| **TOTAL TITOLU 1** | | **326.013.682** | **353.159.000** | **363.096.000** | **2,8%** |

| Partita | Deskrizzjoni | Eżitu 2017 | Baġit 2018 | AB 2019 | % 2018/2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| **TITOLU 2 - Bini, tagħmir u nefqa operattiva** | | | | | |
| 2000 | Kera | 1.957.643 | 1.109.000 | 799.000 | -28,0% |
| 2001 | Ħlasijiet annwali ta' lokazzjoni | p.m. | p.m. | p.m. | Mhux Applikabbli |
| 2002 | Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli | 96.000 | p.m. | p.m. | Mhux Applikabbli |
| 2003 | Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni | 8.738.923 | 8.855.377 | 9.155.000 | 3,4% |
| 2004 | Xogħol biex il-bini jkun sigur | 1.204.247 | 2.547.000 | 2.447.000 | -3,9% |
| 2005 | Nefqa qabel l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini | 344.063 | 690.000 | 887.000 | 28,6% |
| ***200*** | ***Bini*** | ***12.340.876*** | ***13.201.377*** | ***13.288.000*** | ***0,7%*** |
| 2010 | Tindif u manutenzjoni | 17.852.441 | 19.080.000 | 18.973.000 | -0,6% |
| 2011 | Ilma, gass, elettriku u tisħin | 2.957.189 | 4.766.000 | 4.396.000 | -7,8% |
| 2012 | Sigurtà u sorveljanza tal-bini | 17.520.886 | 18.493.000 | 18.493.000 | 0,0% |
| 2013 | Assigurazzjoni | 279.998 | 270.000 | 285.000 | 5,6% |
| 2014 | Nefqa oħra relatata mal-bini | 559.458 | 550.000 | 484.000 | -12,0% |
| ***201*** | ***Infiq relatat ma' bini*** | ***39.169.972*** | ***43.159.000*** | ***42.631.000*** | ***-1,2%*** |
| **Total Kapitolu 20 - Bini u spejjeż assoċjati** | | **51.510.848** | **56.360.377** | **55.919.000** | **-0,8%** |
| 2100 | Akkwiżizzjoni ta' tagħmir u software | 10.699.647 | 10.716.000 | 9.702.000 | -9,5% |
| 2101 | Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter | 23.874.911 | 21.798.000 | 22.225.000 | 2,0% |
| 2102 | Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software | 5.651.012 | 7.196.000 | 7.495.000 | 4,2% |
| 2103 | Telekomunikazzjoni | 1.240.447 | 1.590.000 | 1.933.000 | 21,6% |
| ***210*** | ***Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet*** | ***41.466.017*** | ***41.300.000*** | ***41.355.000*** | ***0,1%*** |
| ***211*** | ***Għamara*** | ***741.630*** | ***733.000*** | ***951.000*** | ***29,7%*** |
| 2120 | Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi | 2.344.670 | 2.494.000 | 2.994.000 | 20,0% |
| 2121 | Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi | 412.865 | 312.000 | 322.000 | 3,2% |
| 2122 | Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi | 774.667 | 1.538.000 | 2.429.000 | 57,9% |
| ***212*** | ***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi*** | ***3.532.202*** | ***4.344.000*** | ***5.745.000*** | ***32,3%*** |
| ***213*** | ***Trasport*** | ***1.021.465*** | ***1.496.000*** | ***1.134.000*** | ***-24,2%*** |
| **Total Kapitolu 21 - Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara** | | **46.761.314** | **47.873.000** | **49.185.000** | **2,7%** |
| 2200 | Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet | 13.472.729 | 17.802.000 | 17.372.000 | -2,4% |
| 2201 | Spejjeż ta' vjaġġar varji | 232.785 | 470.000 | 470.000 | 0,0% |
| 2202 | Spejjeż ta' interpretazzjoni | 66.521.325 | 79.316.000 | 82.600.000 | 4,1% |
| 2203 | Spejjeż għar-rappreżentanza | 130.875 | 175.000 | 170.000 | -2,9% |
| 2204 | Nefqa varja għal laqgħat interni | 4.004.164 | 4.040.000 | 4.242.000 | 5,0% |
| 2205 | Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat | 155.285 | 260.000 | 355.000 | 36,5% |
| ***220*** | ***Laqgħat u konferenzi*** | ***84.517.163*** | ***102.063.000*** | ***105.209.000*** | ***3,1%*** |
| 2210 | Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji | 2.281.465 | 3.770.000 | 3.845.000 | 2,0% |
| 2211 | Ġurnal Uffiċjali | 2.078.576 | 1.777.000 | 1.700.000 | -4,3% |
| 2212 | Pubblikazzjonijiet ġenerali | 150.000 | 220.000 | 220.000 | 0,0% |
| 2213 | Informazzjoni u avvenimenti pubbliċi | 3.337.546 | 4.385.000 | 4.360.000 | -0,6% |
| ***221*** | ***Informazzjoni*** | ***7.847.587*** | ***10.152.000*** | ***10.125.000*** | ***-0,3%*** |
| 2230 | Provvisti għall-uffiċċji | 355.430 | 358.000 | 358.000 | 0,0% |
| 2231 | Spejjeż postali | 51.963 | 60.000 | 55.000 | -8,3% |
| 2232 | Nefqa fuq studji, stħarriġ u konsultazzjonijiet | 17.800 | 60.000 | 45.000 | -25,0% |
| 2233 | Kooperazzjoni interistituzzjonali | p.m. | p.m. | p.m. | Mhux Applikabbli |
| 2234 | Rilokazzjonijiet | 83.835 | 18.000 | 18.000 | 0,0% |
| 2235 | Spejjeż finanzjarji | 10.000 | 10.000 | 10.000 | 0,0% |
| 2236 | Spejjeż u nefqa legali, danni u kumpens | 369.092 | 1.000.000 | 1.000.000 | 0,0% |
| 2237 | Nefqa operattiva oħra | 223.759 | 281.000 | 281.000 | 0,0% |
| ***223*** | ***Spejjeż varji*** | ***1.111.879*** | ***1.787.000*** | ***1.767.000*** | ***-1,1%*** |
| **Total Kapitolu 22 - Nefqa operattiva** | | **93.476.629** | **114.002.000** | **117.101.000** | **2,7%** |
| **TOTAL TITOLU 2** | | **191.748.791** | **218.235.377** | **222.205.000** | **1,8%** |
| **TITOLU 10 - Nefqa oħra** | | | | | |
| 10 0 Approprjazzjonijiet proviżorji | | p.m. | p.m. | p.m. | Mhux Applikabbli |
| 10 1 Riżerva ta' kontinġenza | | p.m. | 1.500.000 | 1.500.000 | 0,0% |
| **TOTAL TITOLU 10** | | **0** | **1.500.000** | **1.500.000** | **0,0%** |
| **BAĠIT TOTALI** | | **517.762.473** | **572.894.377** | **586.801.000** | **2,4%** |

# TABELLA TAL-PERSUNAL 2019
## Taqsima II - Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill

| Baġit 2018 | | | | Abbozz ta' baġit 2019 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija u grad | Karigi permanenti | Karigi temporanji | | Kategorija u grad | Karigi permanenti | Karigi temporanji | |
| | | President KE | Oħrajn | | | President KE | Oħrajn |
| HC | 1 | 0 | 0 | HC | 1 | 0 | 0 |
| AD 16 | 8 | 1 | 0 | AD 16 | 8 | 1 | 0 |
| AD 15 | 33 1) | 1 | 0 | AD 15 | 33 2) | 1 | 0 |
| AD 14 | 127 3) | 2 | 1 | AD 14 | 135 4) | 2 | 1 |
| AD 13 | 133 | 3 | 0 | AD 13 | 138 | 3 | 0 |
| AD 12 | 180 | 2 | 0 | AD 12 | 180 | 2 | 0 |
| AD 11 | 84 | 1 | 1 | AD 11 | 88 | 2 | 1 |
| AD 10 | 125 | 5 | 0 | AD 10 | 145 | 5 | 0 |
| AD 9 | 203 | 1 | 0 | AD 9 | 233 | 0 | 0 |
| AD 8 | 190 | 0 | 0 | AD 8 | 180 | 0 | 0 |
| AD 7 | 143 | 3 | 0 | AD 7 | 133 | 4 | 0 |
| AD 6 | 136 | 3 | 0 | AD 6 | 121 | 2 | 0 |
| AD 5 | 72 | 0 | 0 | AD 5 | 72 | 0 | 0 |
| Subtotal AD | 1434 | 22 | 2 | Subtotal AD | 1466 | 22 | 2 |
| AST 11 | 34 | 0 | 0 | AST 11 | 38 | 0 | 0 |
| AST 10 | 32 | 0 | 0 | AST 10 | 36 | 0 | 0 |
| AST 9 | 166 | 2 | 0 | AST 9 | 185 | 2 | 0 |
| AST 8 | 179 | 1 | 0 | AST 8 | 159 | 1 | 0 |
| AST 7 | 134 | 0 | 0 | AST 7 | 125 | 1 | 0 |
| AST 6 | 160 | 1 | 0 | AST 6 | 176 | 0 | 0 |
| AST 5 | 253 | 3 | 0 | AST 5 | 246 | 3 | 0 |
| AST 4 | 226 | 1 | 0 | AST 4 | 221 | 1 | 0 |
| AST 3 | 167 | 2 | 0 | AST 3 | 142 | 2 | 0 |
| AST 2 | 18 | 1 | 0 | AST 2 | 8 | 1 | 0 |
| AST 1 | 12 | 0 | 0 | AST 1 | 15 | 0 | 0 |
| Subtotal AST | 1381 | 11 | 0 | Subtotal AST | 1351 | 11 | 0 |
| SC 6 | 0 | 0 | 0 | SC 6 | 0 | 0 | 0 |
| SC 5 | 0 | 0 | 0 | SC 5 | 0 | 0 | 0 |
| SC4 | 0 | 0 | 0 | SC4 | 0 | 0 | 0 |
| SC 3 | 15 | 0 | 0 | SC 3 | 20 | 0 | 0 |
| SC 2 | 25 | 0 | 0 | SC 2 | 65 | 0 | 0 |
| SC 1 | 140 | 0 | 0 | SC 1 | 95 | 0 | 0 |
| Subtotal SC | 180 | 0 | 0 | Subtotal SC | 180 | 0 | 0 |
| Total | 2996 | 33 | 2 | Total | 2998 | 33 | 2 |
| Total ġenerali | 3031 | | | Total ġenerali | 3033 | | |

1) Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.
2) Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.
3) Inkluż 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.
4) Inklużi 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

## Evoluzzjoni tal-għadd ta''persunal estern' u n-nefqa fuqu

| *Kunsill* | *Baġit 2018* | | *Dikjarazzjoni tal-istimi 2019* | |
|---|---|---|---|---|
| **Tip ta' persunal** | **Approprjazzjonijiet (EUR)** | **Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet awtorizzati** | **Approprjazzjonijiet (EUR)** | **Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet mitluba** |
| Aġenti kuntrattwali **) | 10.395.000 | 223 | 10.810.000 | 223 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 993.000 | 19 | 1.182.000 | 22 |
| Aġenti Lokali | 55.000 | 1 | 0 | 0 |
| Temporanji | 200.000 | 3 | 200.000 | 3 |
| Assistenti Parlamentari | Mhux Applikabbli | Mhux Applikabbli | Mhux Applikabbli | Mhux Applikabbli |
| Total | 11.643.000 | 246 | 12.192.000 | 248 |

* Unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time